MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 459/2008

John Camilleri u Maria Assunta Camilleri
vs
Captain Morgan Leisure Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi r-rikorrenti huma sidien tal-bastiment konsistenti f'dghajsa tas-sajd bin-numru 09499 bl-isem ta' "IANA";

2. Illi fil-jum ta' l-24 ta' Jannar 2008 l-imsemmija dghajsa kienet ankrata u cioe` marbuta fil-post solitu taghha fil-port gewwa l-port ta' Ta' Sliema (Sliema Ferry);

3. Illi vicin ta' l-imsemmija dghajsa kien hemm ukoll bastiment appartenenti lis-socjeta` intimata liema bastiment ghandu l-isem ta' "MARYANNE" u li dakinhar

ta’ l-incident l-imsemmija dghajsa tas-socjeta` intimata ma’ kenitx marbuta skond is-sengha u l-arti b’mod illi l-imsemmija dghajsa tas-socjeta` intimata litteralment kissret lid-dghajsa tar-rikorrenti bil-baga tal-hadid li hija kienet marbuta maghha;

4. Illi dan l-incident sehh minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta’ harsien da parti tas-socjeta` intimata u dana peress illi kif inghad l-irbit tal-bastiment tas-socjeta` intimata ma’ kienx marbut kif suppost. Illi d-dghajsa tar-rikorrenti spiccat gherqet u ttellghet mill-addetti stess tas-socjeta` intimata;

5. Illi kawza ta’ dak li sehh, ir-rikorrenti sofrew danni kbar konsistenti fit-telfien tal-bastiment propjeta` taghhom;

6. Illi s-socjeta` intimata giet interpellata b’ittra ufficjali datata 17 ta’ Marzu, 2008 sabiex tersaq ghall-hlas tad-danni izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara li bl-agir taghha s-socjeta` intimata kienet responsabbli ghal hsarat li sehhew fid-dghajsa tar-rikorrenti bl-isem “IANA” fl-incident li sehh fl-24 ta’ Jannar, 2008 gewwa s-Sliema Ferry;

2. Tillikwida jekk mehtieg bl-opera ta’ periti nominandi d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti fl-imsemmija dghajsa taghhom;

3. Tordna lis-socjeta` intimata thallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali u s-socjeta` intimata giet ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista ta’ xhieda prezentata mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tas-socjeta` Captain Morgan Leisure Limited li biha esponiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-hsara li garrbu l-atturi fil-bastiment taghhom m'hijiex imputabbli lis-socjeta` konvenuta billi ma gratx tort taghha u fi kwalunkwe kaz kienet kawza ta' kaz fortuwitu konsistenti f'maltemp riskontrat;

2. Illi in fatti fid-data tal-incident, fl-24 ta' Jannar 2008, il-Gzejjer Maltin kienu mahkuma b'maltemp qawwi u gravi li ikkawza danni ingenti f'diversi partijiet ta' Malta kemm fuq bcejjec tal-bahar in generali kif ukoll fuq proprjeta` u hwejjeg ohra. F'dan ir-rigward l-intimata hemzet mar-risposta estratti minn erba' gazzetti lokali l-ghada ta' l-incident sabiex jigi kostatat l-entita ta' dan il-maltemp. Rapport mahrug mill-Ufficju Meteorologiku relattiv ghat-temp tal-jum in kwistjoni gie anness ukoll;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kaz biss illi *nonostante* l-premess din il-Qorti ssib illi s-socjeta` konvenuta hija responsabli ghall-incident, kwalunkwe danni likwidati huma limitati skond il-Ligi u konvenzjonijiet applikabbli;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti pprezentati mis-socjeta` intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-abili difensuri;

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Mid-dokumenti prezentati mis-socjeta` intimata jirrizulta li fit-23 ta' Jannar, 2008 kien hemm rih forza Punent Tramuntana ta' 7 u *backing* Grigal Tramuntana forza 5 ghal 6 u 7, bil-bahar *rough* jew *very rough*. Fl-24 ta' Jannar, 2008 ir-rih Grigal Tramuntana tela' ghal forza 7/8 bil-bahar *very rough becoming rough overnight. Headlines* tal-gazzetta The Times tal-25 ta' Jannar, 2008 isemmi *Gregale wreaks havok*. Issemmi *three yacht crew members rescued*, u l-Independent issemmi *Strong winds hit Malta... gale force winds*. L-Orizzont issemmi Spettaklu Qerried, u Jott abbandunat ghar-rihu. L-attur esebixxa seba' ritratti li juru s-sitwazzjoni tat-temp kif kienet dak in-nhar tal-kaz gewwa l-port tas-Sliema.

- Gie prezentat affidavit ta' John Camilleri fejn issemma li hu sid il-Lanca tas-sajd IANA li ggib in-numru ufficjali tar-registrazzjoni 9499 u li ghandha permess tas-sajd numru 5947 u hija twila 7.65 metri b'wisa' ta' 2.55 metri. Hija ghandha zewg magni u hija attrezzata bl-apparat kollu ghas-sajd inkluz zewg *hydraulic winches*, qasab b'*heavy duty reels*, *fish* u *bait tank*, pompi u tankijiet tal-hazna ta' l-ilma, kcina, etc. etc.

- Ghal snin twal kellu rmigg fil-port kenni ta' tas-Sliema quddiem l-istabiliment tal-Forestals ftit 'il barra mill-moll ghan-nofs tal-port. Ikun hemm hafna dghajes tal-kumpanija Captain Morgan Leisure Limited inkluza d-dghajsa (ex tal-latini) MARYANNE li ghamlet il-hsara u affondat il-lanca tas-sajd IANA tieghu.

- Nhar il-Hamis, 24 ta' Jannar 2008, ghall habta tas-7.00 ta' filghodu kien cempillu huh Joseph li sab li l-lanca tieghu kienet ghada marbuta f'postha izda kien hemm id-dghajsa MARYANNE li qatghet l-irbit ta' quddiem, daret bil-baga kbira tal-hadid b'kollox fuq l-irbit ta' wara, u bdiet thabbat mal-lanca tas-sajd tieghu IANA.

- Il-kundizzjoni tal-bahar hemm gew fejn kienu marbutin, sew il-lanca tieghu IANA kif ukoll id-dghajsa MARYANNE, ma kienx ghajr rih u mewg fil-wicc. Baqa' skantat kif kienu biss qatghu l-irbit zewg dghajjes

tal-Captain Morgan ghax kien hemm bosta dghajjes ohra aktar ’il barra li ma gralhom xejn.

- Ra l-MARYANNE tal-Captain Morgan Leisure Limited tahbat fiz-zaqq tal-lanca tieghu IANA u kienet qed thabbat maghha bil-baga tal-hadid li kelha marbuta maghha. Il-*waterline* kien imnizzel ’l isfel aktar mis-soltu u dan kien sinjal li l-lanca kienet qed iddahhal l-ilma bahar.
- Fuq il-post giet ukoll patrol boat tal-SAR, il-‘MELITA 2’, b’xi suldati fuqha u kien jidher li kien hemm maghhom xi impjegati tal-kumpanija tal-Captain Morgan Leisure Limited li bdew jitfghu xi cimi biex jigbdu u jorbtu lid-dghajsa MARYANNE u dghajsa ohra ta’ l-istess kumpanija. Kien dan il-hin li l-lanca IANA dehret niezla aktar ’l isfel u f’daqqa wahda mielet fuq il-genb tax-xellug u ghebet taht l-ilma fejn kien ghadha marbuta mal-irmigg taghha.

- Is-Sur Kevin Zammit Briffa kien qallu li kien jaf li l- MARYANNE kienet qatghet u gharrqet il-lanca tas-sajd *de quo* u ghamlet ukoll xi hsarat fuq *boats* ohra. Huma kienu ser itellghu mill-qiegh tal-bahar il-lanca tieghu u kienu lesti li jaghmlu tajjeb ghall kull hsara billi kienu nxurjati tajjeb ma’ kumpanija kbira barranija u kien ser jaghmel il-*claim* maghha.

- Iddecieda li jinkariga wkoll lill-habib u konsulent antik tieghu s-Sur George Said li kien ukoll espert f’dak li ghandu x’jaqsam ma’ *insurance* u li fil-fatt kien il-konsulent ta’ l-*insurance* tieghu u tal-kumpanija tieghu.

- Hu kien jinsisti li l-lanca ghandha tittella’ malajr kemm jista’ jkun ghax kull gurnata li tghaddi kienet qed issir hsara irreparabbli.

- Il-Captain Morgan Leisure Limited permezz tal-kuntrattur taghha, certu Censu mill-Mellieha tellghu l-lanca IANA minn qiegh il-bahar u dahhluha fil-

*yacht yard* ta' Manuel Island. Il-lanca, meta telghet, dehret li kellha hsarat kbar u hija *total loss* b'toqba kbira hafna li kwazi l-magna tal-genb kienet tidher kollha u hafna daqqiet u hsarat ohra. Kien jidher car ukoll il-hsara u x-xaqq li ghamlitilha l-baga tad-dghajsa MARYANNE fil-pruwa minn fejn beda diehel l-ewwel ilma, kif konna rajna fir-ritratt imsemmi aktar 'il fuq. Anke zebgha safra tal-baga tal-MARYANNE kien hemm maghha.

- Il-kuntrattur qalilhom li kien qed jaghmel operazzjoni ta' salvatagg biex jifflowtja l-lanca IANA mill-qiegh u jdahhalha Manuel Island mill-kumpanija Captain Morgan Leisure Limited.

- Il-lanca kienet *total loss*. Il-licenzja tas-sajd li ghandu fuq din il-lanca IANA mhix trasferibbli ghal fuq xi lanca ohra li jista' jixtri.

- Il-*boat* kienet registrata mal-Maritime Authority, u registrata wkoll mal-Fishing Department. Il-*boat* kien juzaha b'mod regolari.

- Ipprezenta dokument a fol 64 dwar il-valuri ta' diversi partijiet mill-*boat*, b'total ta' Lm23,100, ekwivalenti ghal €53,808.52, u dan minghajr ma qies il-valur tal-permess/licenzja tas-sajd. Valur ta' 28 *foot hull replacement* ikun fil-fehma tieghu Lm7,500.

- Gie prezentat affidavit ta' <u>Joseph Camilleri</u> fejn issemma li huh kellu lanca tas-sajd "IANA" ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena dejjem kienet tkun marbuta, sajf u xitwa, fuq irmigg li ghandu quddiem ix-*showroom* tal-Forestals tas-Sliema.

- Mal-*break-water* tal-Port il-Kbir kien hemm bahar qawwi, izda 'il gewwa lejn il-Gzira kien aktar rih qawwi milli bahar qawwi. Kienu biss zewg *boats* ta' Captain Morgan Leisure Limited li kienu nqatghu minn mal-irmigg taghhom.

- Id-dghajsa "MARYANNE" kienet qatghet l-irbit tal-pruwa u daret bil-baga tal-hadid b'kollox ghal fuq il-lanca tas-sajd "IANA". Bdiet thabbat ma' quddiem tal-lanca bil-baga tal-hadid u fl-istess hin baqghet marbuta mill-poppa. Il-baga tal-"MARYANNE" hi ta' l-azzar u kbira daqs tank tal-45 gallun. Id-dghajsa bdiet, bil-mod il-mod, tkaxkar il-mazzra ta' wara u tersaq aktar lejn iz-zaqq tal-lanca "IANA" u thabbat maghha billi l-baga tal-hadid giet bejn iz-zewg dghajjes.

- Ghalkemm giet *patrol boat* resqet iktar lejn il-lanca "IANA" din dehret niezla aktar 'l isfel u f'daqqa wahda mielet fuq il-genb tax-xellug u ghebet taht l-ilma fejn kien ghadha marbuta mal-irmigg taghha.

- Il-kuntrattur qalilhom li huwa kien inkarigat jaghmel din l-operazzjoni ta' salvatagg biex jifflowtja l-lanca "IANA" mill-qiegh u jdahhalha Manuel Island mill-kumpanija Captain Morgan Leisure Limited.

- Gie prezentat affidavit ta' George F. Said fejn issemma li ghandu esperjenza ta' 25 sena fil-qasam ta' l-assikurazzjoni, u ikkwalifika bhala *Chartered Insurer* mic-Chartered Institute of Insurers ta' Londra u kien involut fl-assikurazzjoni ta' dghajjes ghal 20 sena, kemm min-naha ta' *underwriting*, kif ukoll ta' *claims handling*.

- Ghalkemm il-kundizzjoni tal-bahar mad-dawra tal-*front* u barra l-port kienet hazina hafna, izda meta dar ghan-naha tal-port ta' Tas-Sliema, il-bahar, 'il gewwa mill-bokka tal-port, ma kienx daqshekk qawwi u aktar ma tidhol 'il gewwa lejn il-Gzira (faccata tal-Forestalls), fejn jaf li l-lanca tar-rikorrent kienet tkun marbuta, aktar kien hemm rih f'wicc il-bahar milli xi mewg jew bahar qawwi.

- Wara xi granet li hu kien beda jinnegozja mas-sur Kevin Zammit Briffa, dan talbu sabiex is-Sur Camilleri jawtorizzah bil-miktub sabiex inkun jista' jkompli

jinnegozja u jagixxi f'ismu (John Camilleri) fuq il-*claim* tal-lanca tas-sajd "IANA".

- Punt fundamentali fil-kwistjoni tas-salvatagg kien il-fatt li bejniethom, il-kumpanija Captain Morgan Leisure Limited u J. Vassallo Ltd. damu mhux anqas minn 16-il gurnata jittitubaw sabiex jaghmlu l-operazzjoni, li fil-fatt saret fit-8 ta' Frar 2008. Dan id-dewmien bla ebda dubju wassal sabiex il-*hull* tad-dghajsa kompla jitqatta' bicciet u l-magni jsofru hsarat irriparabbli.

- Izda meta nduna li kien hemm titubanza mill-assunzjoni tar-responsabblita` informa lir-rikorrent. Semma li matul in-negozjati, kellu wkoll kuntatti mas-Sur Norbert Cordina ta' Island Insurance Brokers Ltd., bhala l-*Brokers* tal-Captain Morgan.

- Gie prezentat affidavit ta' <u>Paul Gauci</u> fejn issemma li r-rikorrent kien cempillu biex jghidlu dwar l-incident. Semma li meta wasal fuq il-moll ta' quddiem il-Forestalls fil-port ta' Tas-Sliema l-"MARYANNE" kienet qed thabbat mal-lanca "IANA" in-naha tax-xellug taghha ftit lura mill-pruwa.

- Ikkonferma li l-"MARYANNE" kompliet titkaxkar lura bil-baga b'kollox. Sadanittant il-lanca "IANA" tar-rikorrent bdiet kull ma jmur aktar titbaxxa fl-ilma sa ma nqalbet fuq ix-xellug taghha u nizlet b'kollox taht il-bahar.

- Ikkonferma li kienu biss zewg *boats* tal-Captain Morgan li qatghu l-irbit dak in-nhar u ebda dghajsa ohra ma qatghet. Semma li Kevin Zammit Briffa ta' Captain Morgan Leisure Limited dejjem qalilhom biex ma jinkwetawx ghaliex huma nxurjati tajjeb u hemm il-kumpanija tal-*insurance* li ser taghmel tajjeb.

Gie prezentat affidavit ta' <u>John Anthony Portelli</u> fejn issemma:

- Li xi sentejn qabel kien ghen lir-rikorrent biex jibni mill-gdid il-lanca IANA ghax kien bidlilha kollox inkluz

il-magni u l-attrezzi tas-sajd kollha wara li kien biegh il-Cruiser l-ohra li kellu. Semma li l-bahar fejn kienet marbuta l-lanca “IANA” ma kienx qawwi ghalkemm ’il barra mill-bokka tal-port kien jidher ghaddej bahar qawwi.

- Id-dghajsa “MARYANNE” kienet tidher maqtugha mill-irbit taghha tal-pruwa u mdawra thabbat ma’ zaqq il-lanca “IANA” fuq in-naha tax-xellug taghha. Maghha kellha l-baga kbira ta’ kulur isfar li wkoll kienet qed thabbat mal-lanca “IANA”. Il-“MARYANNE” kienet marbuta biss min-naha tal-poppa.

- Zied li fit-8 ta’ Frar, 2008 il-kuntrattur Censu mill-Mellieha tella’ l-lanca “IANA” minn qiegh il-bahar, u hu kien prezenti. Il-lanca kellha hsarat kbar hafna u kelha il-genb tax-xellug mifquh, il-pruwa mal-*waterline* mikul u mixquq, u diversi hsarat.

- Xehed Michael Savona, *Executive* mal-Malta Maritime Authority u semma li gew mitluba jipprovdu evidenza fuq il-*boat* ‘Iana’. Dik kienet registrata fuq ir-rikorrent

Xehed Paul Cardona, Ingineer, u semma:

- Hu gie mqabbad mill-*underwriters* tal-vapur jew lanca Maryanne u gie mqabbad lokalment mill-korrispondent ta’ l-*underwriter* H. Vassallo Limited. Semma li kien hemm maltempata, grigalata milli jaf ikollna Malta. Tliet bastimenti tal-Captain Morgan inqatalghom parti mill-*moorings* taghhom. Dawn qeghdin *midstream* Marsamxett u marbutin mat-trott dak li jghidulha *ground chain*, jghidulha trott bil-Malti. Dawn ghandhom permess mill-MMA, mill-Malta Maritime Authority biex jorbtu ma’ dan it-trott. It-tlieta li qatghu kienu l-iSpirit of Malta, il-Fernandez I u l-Maryanne. Fil-kaz ta’ l-ewwel tnejn garrbu hsarat huma biss mal-bagi imma ma ghamlux hsara lill-terzi. Fil-kaz tal-Maryanne din inqatalha l-*mooring* ta’ quddiem, daret fuq il-baga ta’ wara, ghamlet *ark* shieh, ghamlet 180 *degrees*. L-ewwel laqtghet xi frejgatina zghira, u wara lill-‘Iana’ u baqghet sejra fuq l-Angelique II

li kienet *yacht* marbuta warajha. Il-‘Iana’ u l-frejgatina gherqu imma l-Angelique kellha hsara fil-pruwa biss.

- Semma li l-portijiet ta’ Malta thallew ghal hafna zmien *free for all*, kulhadd jitfa’ baga kull fejn ried hu, kulhadd jaghmel il-bagi kulhadd jorbot u ma kienx hemm kontroll. Mill-investigazzjonijiet li ghamel mal-MMA, l-unici nies li kellhom permessi biex jorbtu fejn huma marbutin Tas-Sliema huma l-kumpaniji li ghandhom il-*commercial vessels*. Dwar dghajjes u lanec ohra kien infurmat li hadd ma kellu permess biex jorbot hemmhekk izda kulhadd rabat ghar-riskju tieghu.

- Sostna li meta taghmel *mooring* ghandek toqghod attent li inti ma tigix fir-*radius* tal-*boats* li huma hdejk. Il-‘Iana’ kienet fir-*radius* tal-*movement* tal-Maryanne. [ara pagna 75]. Hu lil ‘Iana’ qabel l-incident qatt ma kien raha jew osservaha b’mod specjali izda wara l-incident, meta tellghuha u haduha Manoel Island hu raha. Ma kienx baqa’ wisq x’wiehed jaghmel *survey* ghax kienet *totalment* danneggjata.

- Dwar il-valur, irrefera ghall-fatt li r-rikorrent kien qies *the cost of the hull* ta’ *life boat* kienet ta’ Lm7,500 meta xtraha. Sostna li dan mhux il-*market value* taghha dik it-tip ta’ *hull*. Zied li kien hemm wahda bhalha Birzebbugia qieghedha ghall-bejgh, ta’ 26 pied u mhux 28, pied kompluta jigifieri ghandha r-*reels* ghandha l-*winches* ghandha zewg magni, attrezzata ghas-sajd bhal ma hi din. It-talba taghha llum qieghedha Lm10,000. Dak hu l-*market value* ta’ dak it-tip ta’ dghajjes. Ghamel *adjustment,* ghax hemm zewg piedi differenza, u qal li tiswa Lm15,000.

- Semma li qabel l-incident l-irmigg ma rahx, izda ra r-rapporti ta’ l-*inspections* ta’ l-irmigg. Kienu bidlu xi ktajjen f’Ottubru, 2007.

- Dwar il-valutazzjoni, il-*market value* ta’ *boat* qatt ma hi kemm infaqt fuqha, hi kemm dak it-tip ta’ *boat* iggib fuq is-suq.

Xehed Mark Bruno Olivier, *Content Information Manager* mal-*Malta Maritime Authority*, illum mat-*Transport Malta* u semma:

- Dwar pagni 78 u 79 tal-process u dwar l-irmiggi ta' Sliema Creek dan id-dokument huwa l-irmigg tal-Captain Morgan indikati bil-*coordinates* taghhom.

Xehed Charles Galdes li jahdem mal-Ufficju Meteorologiku ta' l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u qal:

- Fit-23, l-24 u l-25 ta' Jannar, 2008 hu qassmu tliet (3) sieghat, tliet (3) sieghat. Hu semma li r-rih kien pjuttost qawwi, kien mill-Grigal, beda msahhab pero` mbaghad ghal xi d-disgha (9:00 a.m.) u nofsinhar (12:00 p.m.) kien hemm ix-xita u x-xita baqghet sejra sat-tlieta ta' wara nofsinhar (3:00 p.m.) imbaghad rega' ssahhab iktar tard matul il-jum. Is-*sea state* kien *rough*. Il-forza tar-rih bdiet bi 17 il-*knot*, zdied ghal nofsinhar (12:00 p.m.) bi 22 imbaghad rega' naqas ghal 15.

Xehed Louis Hili li jahdem mal-*Captain Morgan* bhala *Maintenance Manager* u qal:

- Ilu jahdem mill-*eighty six* ('86) fuq diversi lanec u jzommhom *up to standard*, il-hbula, katini, bagi, kollox li jigi konness mad-dghajjes. Kull sena jaghtuhom il-*maintenance*, inkluz li jdurhom id-*diver*. F'Jannar 2008 ir-rih kien Grigal. Sab il-*Maryanne* gja maqtugha. Semma li l-'*Maryanne'* inqatghet minn quddiem u daret lura, meta daret lura baqghet marbuta minn wara pero`, kienet qed tahbat ma' *yacht* ta' wara li ma jafx x'jismu.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti fil-qosor:***

Il-kaz in ezami jirrigwarda incident li gara fl-24 ta' Jannar, 2008 meta waqt maltempata l-bastiment Maryanne propjeta` ta' l-intimata, laqtet diversi drabi lid-dghajsa tas-Sajd IANA u kawza ta' hsarat gherqet. In segwitu giet imtellgha mill-addetti ta' l-intimata u dikjarata *beyond repair.* Ir-rikorrenti ghalhekk talab li l-Qorti tiddikjara li bl-agir taghha s-socjeta` intimata kienet responsabbli ghal

hsarat li sehhew fid-dghajsa tar-rikorrenti bl-isem “IANA” fl-incident li sehh fl-24 ta’ Jannar, 2008 gewwa s-Sliema Ferry, li tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti fl-imsemmija dghajsa taghhom, u li tordna lis-socjeta` intimata thallas id-danni hekk likwidati. Izda min-naha taghha s-socjeta` intimata sostniet li t-talbiet attrici huma infondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-hsara li garrbu l-atturi fil-bastiment taghhom m’hijiex imputabbli lis-socjeta` konvenuta billi ma gratx tort taghha u fi kwalunkwe kaz kienet kawza ta’ kaz fortuwitu konsistenti f’maltemp riskontrat.

***__D2. Kaz fortuwitu:__***

Is-socjeta` intimata issostni li fid-data tal-incident, fl-24 ta’ Jannar, 2008, il-Gzejjer Maltin kienu mahkuma b’maltemp qawwi u gravi li ikkawza danni ingenti f’diversi partijiet ta’ Malta kemm fuq bcejjec tal-bahar in generali kif ukoll fuq proprjeta` u hwejjeg ohra. Ghalhekk sostniet li l-incident ma garax minhabba xi htija attribwibbli ghaliha izda minhabba kaz fortuwitu.

Fil-kawza deciza fl-1 ta’ Dicembru, 2009 minn din il-Qorti kif presjeduta [Citazz. Nru: 213/05FS] fl-ismijiet **Ronald u Isabelle konjugi Camilleri *et* vs Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma *et*** inghad :

“Inoltre fil-kawza fl-ismijiet **Lamanna Matteo vs General Soft Drinks Company Limited** deciza fit-30 ta’ Marzu 2004 minn din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Noel Cuschieri inghad li l-livell ta' prova rikjesta fil-kawzi civili u li min ikun qed jallega li kien hemm forza magguri li kienet qieghda timpedih milli jesegwixxi obbligazzjoni jrid jaghmel il-prova hu stess ta' din il-forza magguri.

Huwa pacifikament ricevut illi “l-prova tal-forza magguri jew tal-kaz fortuwitu ghandu jaghmilha d-debitur” (Kollez. Vol.XXXI P I p 467). Mill-gurisprudenza, u, cioe`, illi:

“*quando invece, vi ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono la conseguenza della proprie azione ed omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto*” (Kollez. Vol. XXIV P I p 172). [Ara wkoll

decizjonijiet f'dan l-istess sens riportati a Vol. XVIII P II p 164; Vol. XXX P II p 142 u Vol. XXXVII P II p 637, **Alfred Delia -vs- Segretarju Permanenti u d-Direttur tat-Toroq et**", deciza fid-19 ta' Mejju 2004 mill-Qorti ta' l-Appell Civili Inferjuri, u **George Bonnici vs Phoenicia Hotel Ciompany Limited**, deciza mill-Onor. Imhallef Dr. Philip Sciberras (Qorti ta' l-Appell Civili Inferjuri) fit-12 ta' Jannar 2005].

L-artikolu 1029 tal-Kap 16 jghid :
"Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara."

Il-Qorti pero` thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza tal-kawza **Anthony Pirotta vs Direttur tad-Dipartiment tal-Muzewijiet** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri (S.T. V. DeGaetano, Imhallef Magri, Imhallef T. Mallia) fit-3 ta' Ottubru 2008 inghad li :
"Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna " 'il-forza magguri' hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibbli li wiehed jirrezisti, mentri 'kaz fortuwitu' huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza" (**Delia v. Segretarju Permanent et**, Appell (Inferjuri)19/05/2004 u **Borg Falzon v. Darmanin**, Appell Kumm. 7/06/1940), kif ukoll "*il caso fortuito o la forza maggiore e' l'evento non dipendente da azione o omissione volontaria o colposa, non prevedibile o almeno non evitabile*" (**Azzopardi v. Arcicovich et**, Appell Civili, 14/11/1919, Vol. XXIV, PI, p.172). Biex ikun hemm il-kaz fortuwitu jrid ikun hemm event imprevedibbli u inevitabbli. It-test ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita` o meno ta' l-event huwa dak tad-diligenza tal-'*bonus pater familias*' fejn in-nuqqas taghha jirrizulta f'colpa (**Kurunell Hugh v. Negte Busuttil**, Appell Kummercjali, 16/11/1942). Jekk jirrizulta mill-fatti li kien hemm konkorrenza ta' agir pozittiv jew negattiv tal-persuna allura l-event ma jibqax jinghad li kien kaz fortuwitu (App. Inf. **Falzon vs Formosa** 4/12/1991)."...

Biex tirnexxi d-difiza tal-forza magguri jrid ikun hemm mhux biss l-imprevedibilita` izda n-nuqqas ta' kontributorjeta` tad-danni eventwali... (ara **Micallef vs Belle McChance** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Frar 1953 [XXXVII-I-636], u **Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xogholijiet** deciza fit-28 ta' Frar 2001, Appell Superjuri)."

Ikkunsidrat ukoll illi fis-sentenza fl-ismijiet **Middle Sea Insurance Company Limited vs Sullivan Maritime Limited *et***, Prim'Awla, 12 ta' Mejju, 2004 insibu enuncjat li:
"il-forza maggura tiggustifika ksur ta' kuntratt, meta l-impossibilita`, ta' ezekuzzjoni tkun oggettiva u indipendenti mill-volonta' ta' l-kontraent (ara sentenzi riportati fil-Volumi XXXI.I.554, XXXI.III.168 u XXXVII.I.183)…

F'sitwazzjoni bhal din, kif pacifikament akkolt f'numru ta' decizjonijiet, "il-kaz fortuwitu, il-forza magguri u l-istat tan-necessita' ma jehilsux mir-responsabilita` tad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni" (Vol. XXX P III p 142) u allura l-kuncett tal-forza magguri "*viene meno quando concorre il fatto positivo o negativo dell'uomo*" (Kollez. Vol XVIII P II p 164 u Vol. XXIV P I p 172)."

Fil-kawza deciza minn din l-Qorti presjeduta mill-Imhallef Tonio Mallia [Citazz. 1247/1994] fil-kawza fl-ismijiet **Yvonne Cassone *pro et noe et* vs Alfred Calamatta *et*** inghad:
"Ovvjament, min ihaddem mhux tenut li jipprevedi incident li jsehh b'forza maggura jew kaz fortwietu. Min naha l-ohra, kif qalet din il-Qorti filkawza **Galea Debono *noe* vs Abela**, deciza fit-28 ta' April, 2003, il-kaz fortuwitu, il-forza maggura u l-istat ta' necessita' ma jehilsux mir-responsabilita' jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni. F'kawza ohra li kienet tirreferi ghad-depozitu, intqal li:
"is-serq ta' l-oggett depozitat jammonta ghal kaz fortuwitu, meta ddepozitarju jkun ha l-prekawzjonijiet xierqa biex is-

serq ma jsirx; u bhala tali s-serq ma jidholx fir-responsabilita' tad-depozitarju" – **Borg Bonaci vs Biasini**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Mejju, 1950 (Kollez. Vol. XXXIV.I.189)."

Fil-kawza deciza fid-19 ta' Mejju, 2000 mill-Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fil-kawza fl-ismijiet **Paul Farrugia vs Godwin Abela *et*** gie ppruvat f'din il-kawza li s-socjeta` Cargo Handling Ltd. ma serghetx tinvoka l-kaz fortuwitu meta nsterqet vettura fil-kustodja taghhha. Dan illi hija ma uzatx id-diligenza idoneja u lilha spettanti mill-ligi. Ir-responsabilita` bhala depozitarja imhallsa kienet timporta grad ghola ta' sorveljanza min-naha taghha aktar u aktar meta kien fatt risaput li s-serq miz-zona portwali kienet haga sfortunatament komuni.

Fil-kawza deciza fid-19 ta' Mejju, 2004 mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri Civili [per I. P. Sciberras] fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Delia vs Segretarju Permanenti u Direttur tad Dipartiment tat-Toroq** il-Qorti qalet:
"Kien jinkombi fuq l-awtoritajiet li juru li dak li gara kien accident - **Consiglia Fenech vs A Carabott** - App 17/11/1941 - XXXI-I-467 Kien jinkombi fuqhom li juru li hadu l-passi effettivi u effikaci.

Wiehed seta' facilment jirrealizza li l-*manholes* jinfethu f'maltempata. Kien jinkombi fuq l-awtoritajiet li jiehdu l-passi opportuni.

Attur fortuwitu jassumi li wiehed ma setax jara li ser jigri dak li fil-fatt gara. Ma jistax li dan jirrizulta kawza ta' negligenza umana. **C Micallef vs Brigadier John Belle McCance *noe*** PA 7/2/1953 - XXXVII-II-637.

L-attur kien stabbilixxa n-nexus bejn il-kawza u d-danni **Amadeo F Inglott *noe* vs Sac Giuseppe Camilleri *et*** 22/1/1932 - XXVIII-I-222."

Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri Civili fil-5 ta' Ottubru, 2001 fl-ismijiet **Elmo Insurance Services Ltd *nomine* vs PC 537 Joseph Micallef** LXXXV-II-I-III-914 inghad:

"Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribuwixxa l-fatt posittiv jew negattiv tal-bniedem. Skond il-principju tad-dritt biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura imma jehtieg li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias*."

Ikkunsidrat li ghalhekk fil-qasir jista' jinghad li:
Kull hsara li tigri **b'accident jew b'forza magguri**, **ibatiha** fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq **il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.**
Biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura imma jehtieg li jkun **inevitabbli** b'mod li **ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias*.**
Biex tirnexxi d-difiza tal-forza magguri **jrid ikun hemm mhux biss l-imprevedibilita` izda n-nuqqas ta' kontributorjeta` tad-danni eventwali**...
Il-forza magguri hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibbli li wiehed jirrezisti, mentri 'kaz fortuwitu' huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza.
Il-kaz fortuwitu, il-forza magguri u l-istat tan-necessita` ma jehilsux mir-responsabilita` tad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni.
Il-prova tal-forza magguri jew tal-kaz fortuwitu ghandu jaghmilha d-debitur.

Ikkunsidrat fil-kaz in ezami li certament kien hemm maltempata qawwija li fiha nqatghu zewg vapuri tal-Captain Morgan, tas-socjeta` intimata, izda li ma jigix rapportat li nqatghu vapuri jew jottijiet ohra. Mhuwiex bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, possibbilment anke sproporzjonat, anke jekk prodott mill-forza tan-natura, izda dan irid ikun inevitabbli. Ghalhekk jekk b'diligenza ordinarja dan seta' jigi evitat, ma japplikax il-kaz fortuwtu. Wara kollox huwa prevedibbli li matul ix-

xitwa, specjalment f'Jannar, ikun hemm maltempata b'rih qawwi u bahar qawwi. Huwa necessarju li ma jkunx hemm kontributorjeta` li twassal ghad-danni eventwali.

Issa fil-fehma tal-Qorti, il-maltempata li nqalghet, certament li kienet prevedibbli u li kieku l-ktajjen kienu b'sahhithom u marbutin sewwa, dak li gara ma kienx jigri, u ghalhekk mhumiex applikabbli l-principji tal-kaz fortuwtu. Ma kien hemm xejn irrezistibbli jew imprevedibbli ghax ma kien hemm ebda *tsunami*. Ghalhekk l-intimata taht dan l-aspett ma tistax tinheles mir-responsabbilta` ghad-danni.

***D3. Tort tas-socjeta` intimata:***

Fost l-affarijiet li ippruvat tiggranfa maghhom is-socjeta` intimata biex tiskulpa lilha nfisha kien hemm il-fatt li l-Iana kien marbut f'post fejn ma kienx hemm il-permess tat-Transport Malta. Huwa veru li sfortunatament f'Malta hawn is-sistema li kullhadd jaqbad u jwaddab mazzra kull fejn jidhirlu hu, izda din ma kenitx xi mazzra li ghadha kif intefghet ghax ir-rikorrent kien ilu jorbot hemm ghal numru ta' snin.

Intqal ukoll li suppost wiehed ihalli r-*radius* tal-vapur ta' hdejha, izda li kieku jsir hekk ghalkemm ikun ahjar, certament li fl-ispazju limitat ta' hawn Malta dan mhux prattikabbli. Wara kollox il-fatt li jkun hemm dghajsa ohra marbuta fl-*ark* tal-vapur ma jintitolax socjeta` li vapur ma jkunx marbut sewwa u allura jista' jkisser dghajsa ohra ta' haddiehor.

Ghalhekk il-Qorti ssib ir-responsabbilta` ghall-incident *de quo* fis-socjeta` intimata.

***D4. Likwidazzjoni tad-danni:***

Ir-rikorrent ghamel l-istima tad-danni tieghu li tinsab a fol 64 u 65 ammontanti ghal Lm23,100 ossija €53,808.52. Dan wasal ghaliha billi attribwixxa valur ta' Lm7,500 ghal *fibre glass boat* 28 *feet hull*, u zied maghha dak kollu li xtara fuqha biex wasal ghal dan il-valur.

Min-naha tieghu l-Inginier Paul Cardona wara li semma li hu ma kienx raha qabel l-incident u allura kull stima li seta'

jaghti kienet limitata, semma li dak iz-zmien kien hemm ghall-bejgh wahda simili ghaliha izda ta' 26 pied li kellha valur ta' Lm10,000, izda li meta qies il-fatt li hija ta' 28 pied wasal ghal possibbli ammont ta' Lm15,000. Dana huwa kollu logiku minhabba l-fatt li meta t-tul ta' *boat* jikber, il-prezz ma jizdiedx b'mod proporzjonali izda jizdied b'rata aktar qawwija. Ukoll interessanti hu l-fatt li billi jkun hemm wahda ohra li qieghedha ghall-bejgh bi prezz specifiku, ma jfissirx li l-prezz oggettiv huwa necessarjament dak ghax jista' jkun li jew is-sid jippretendi wisq u ghalhekk jgholli, jew li mghaggel ghall-flus u ghalhekk ibaxxi. Aspett iehor huwa li r-rikorrent fl-istima li ghamel qies il-valuri ta' l-oggetti li pogga ta' meta xtrahom u mhux ta' imwahhlin u uzati. Sfortunatament ebda wahda mill-partijiet ma ghazlet li tesebixxi l-istima ta' *insurance* li tkopri lill-*boat* stess. Infatti din la giet prodotta mir-rikorent u anqas mitluba mill-intimata. Fic-cirkostanzi kollha l-Qorti thoss li l-valur ta' Lm20,000 huwa wiehed gust, li kellu jigi stabbilit *arbitrio boni viri*, u ghalhekk dan jammonta ghal €46,587.

***D5. Talba ghal imghax:***

Ir-rikorrent talab l-ispejjez u l-imghax legali, izda ma specifikax minn meta ghandu jiddekorri l-imghax. Huwa principju stabbilit li qabel ma l-ammont jigi likwidat, ma jistax jiddekorri l-imghax u ghalhekk l-imghax jista' jimxi mil-lum 'il quddiem. Ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat *et*** (Citazz. Nru.: 448/87FS), deciza fis-17 ta' Marzu, 2010.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjoni, il-Qorti tichadha wara li tirreferi ghal "D2" u "D3" hawn fuq.

Dwar it-tielet eccezzjoni, il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal taht "D4" hawn fuq.

In kwantu ghall-ewwel talba, il-Qorti tiddikjara lis-socjeta` intimata responsabbli ghall-hsarat li sehhew fid-ghajsa tar-rikorrent bl-isem Iana.

Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent fl-imsemmija dghajsa fl-ammont ta’ €46,587.

Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas id-danni hekk likwidati lir-rikorrent, bl-imghax dekorribbli mil-lum.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------